MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1521/1995/1

**Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mis-Sezzjoni Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tas-6 ta' Mejju 1998 l-isem ta' l-attur ghandu jinbidel u jigi jinqara "Maltacom plc."**

**v.**

**Joyce Farrugia u b'digriet tas-7 ta' Marzu 1997 giet imsejjha fil-kawza s-socjeta` Amphora Travel Ltd.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. F'din il-kawza s-socjeta` attrici Maltacom p.l.c. talbet il-kundanna tal-konvenuta Joyce Farrugia ghas-somma ta' Lm6102.40[1] bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mal-linja tat-telefon bin-numru 336151.

2. Il-konvenuta kienet eccepiet li hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-pretensjonijiet attrici messhom gew indirizzati kontra s-socjeta` Amphora Travel Limited, li fil-mori tal-kawza giet imsejha fil-kawza.

3. Fis-7 ta' Lulju 2004, l-ewwel Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla, tat is-sentenza taghha, li biha ddecidiet bazikament li kien hemm l-assunzjoni tad-debitu min-naha tal-konvenuta u ghaldaqstant laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Joyce Farrugia u kkundannatha thallas is-somma ta' Lm6,102.40, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti qeghda tigi hawn riprodotta:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur *nomine* fit-18 ta' Ottubru 1995, li in forza taghha, wara li ppremetta illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' *telephone* bejn il-partijiet hawn anness a Dok. A, il-konvenut ghandu jaghti lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm6,102.40 (sitt elef, mija u tnejn liri Maltin u erbghin centezmu) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-*telephone* numru 336151;

"Ippremetta illi dan l-amount jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u *telephone calls* maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat a Dok B;

"Ippremetta illi minkejja interpellata thallas il-kont, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

---

[1] Illum €14,214.76

"Talbet lill-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:
"1. Tikkundannah ihallas lill-attur *noe,* is-somma ta' Lm6,102.40 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-*telephone* numru 336151 skond il-prospett ezebit a Dok B, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar, 1995 u bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi, kontra l-konvenut li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi;

"1. Tirrileva li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt sa fejn dawn jirrigwardaw lilha personalment u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li se *mai* l-attur *nomine* missu vversa l-pretenzjonijiet tieghu kontra s-socjeta` *Anphora Trading Limited.*

"2. Illi, in linea preliminari wkoll, il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar *ai fini* ta' l-Artikolu 2148(f) tal-Kapitolu 12 ghal dak li jirrigwarda l-parti tas-somma mitluba rapprezentanti l-kera tas-servizz tat-*telephone.*

"3. Illi, *in oltre*, jigi rilevat li hemm kawza fl-ismijiet *Joyce Farrugia vs Sadek Gucluol, Yvonne Ellul, John Ellul, u Amphora Trading Ltd.* differita quddiem l-Imhallef *G. Caruana Demajo* ghall-14 ta' Gunju, 1996 u jidher li *tenendo* kont in-nexus intrinsiku u guridiku bejn dawn iz-zewg kawzi, dawn ghandhom jimxu flimkien.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 1997, fejn gie registrat li l-konvenuta kienet qed tirrinunzja ghat-tieni eccezzjoni taghha, dik dwar il-preskrizzjoni;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Marzu 1997, li in forza tieghi giet imsejha fil-kawza il-kumpanija *Amphora Travel Ltd.*

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` imsejha fil-kawza li in forza taghha eccepiet illi;

"L-eccipjenti m'hijiex il-legittima kontradittrici u ghandha, ghalhekk, tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez, *stante* li, kif jirrizulta mill-istess Dokument 'A' esebit mac-citazzjoni, hija m'ghandha x'taqsam xejn mat-telefon in kwistjoni, li tieghu l-konvenuta *Joyce Farrugia* hija r-*"Registered Subscriber".*

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Ottubru, 2000, li inforza tieghu cahdet it-talba tal-konvenuta ghall-kjamata fil-kawza ta' *Sadek Gucluol;*

"Rat l-atti tal-kawza u xhieda mismugha fil-kawza *"Joyce Farrugia vs Sadek Gucluol et"*, citazzjoni numru 113/95;

"Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza msemmija fit-28 ta' April 2000, u s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju, 2003, fejn giet konfermata d-decizjoni li kienet tat din il-Qorti;

"Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Illi din il-kawza tikkoncerna l-kont ta' Lm6,102.40 (sitt elef, mija u zewg liri Maltin u erbghin centezmu) dovut fuq it-*telephone* numru 336151. Dan in-numru kien registrat fuq certu *Joseph Piscopo, pero'*, dan, wara li hallas l-kontijiet kollha li kienu pendenti, fis-27 ta' Awissu, 1991,

kien iddikjara li ma kienx aktar interessat fis-servizz tat-*telephone* b'dak in-numru. Fl-istess jum, il-konvenuta *Joyce Farrugia*, applikat biex dak is-servizz jinghata lilha; fil-fatt talbet *"li dan is-servizz jigi trasferit ghal fuq ismi u li r-records juru lili bhala l-abbonat".* Wara din l-applikazzjoni jidher li ma sar xejn *da parti* tas-socjeta` attrici.

"Is-socjeta` attrici talbet lill-konvenuta tiffirma l-kuntratt, izda hi qatt ma marret tiffirma u l-kuntratt baqa' ma giex iffirmat. Ghalkemm, fil-kors tas-smigh tal-kawza, jinghad li l-konvenuta saret ir-*"registered subscriber"* ta' dak is-servizz, ma jirrizultax, li, fil-fatt, hi hekk, giet registrata. Kif inghad, ir-*"registered subscriber"* kien certu *Joseph Piscopo*, u wara li dan irrinunzja ghas-servizz, saret applikazzjoni ghall-istess servizz *da parti* tal-konvenuta.

"Ma jirrizultax, *pero`,* li din l-applikazzjoni kellha ezitu favorevoli, ghax, kif xehed l-attur, il-kuntratt bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuta qatt ma gie ffirmat, u *kwindi* l-konvenuta qatt ma dahlet f'relazzjoni kontratwali mas-socjeta` attrici. F'ebda hin fil-kawza ma tressqet prova dwar fuq min kien registrat is-servizz tan-numru 336151, u ghalkemm anke l-konvenuta tammetti li applikat biex is-servizz idur fuq isimha, ma jirrizultax jekk dan, fil-fatt, sarx jew le. *Kwindi*, ghalkemm hemm gurisprudenza li tghid li r-"*registered subscriber"* huwa dejjem responsabbli ghal hlas tal-kont tas-servizz moghti, juzah minn juzah dak is-servizz (ara, per ezempju "Scicluna noe vs Cassar", deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru, 1993 u "Farrugia noe vs Tabone", deciza ukoll minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 2002), f'dan il-kaz, dan il-principju ma hux applikabbli ghax ma jirrizultax li l-konvenuta qatt giet resistrata bhala *subscriber* tas-servizz in kwistjoni. Is-socjeta` konvenuta jidher li halliet dan il-kont fil-limbu, ghax ghalkemm is-servizz baqa' jintuza, ma sar kuntratt ma hadd ghall-uzu ta' dak is-servizz. Ghalhekk, la darba f'dan il-kaz ma jirrizultax li hemm *"registered subscriber"*, il-kont tas-servizz irid jithallas, fl-ewwel lok, min minn ghamel uzu tas-servizz. Issa, mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Mejju, 2003, moghtija fil-kawza citazzjoni numru 113/95, jirrizulta li l-uzu tas-servizz marbut mat-*telephone* numru 336151 sar minn *Sadek*

*Gucluol* u mhux mill-konvenuta. F'dik is-sentenza gie konfermat li l-ftehim sar a beneficcju ta' *Gucluol* u kien hu, allura, li kellu jhallas il-kont tat-*telephone.* Sa hawn, mela, l-konvenuta kien ikollha ragun targumenta li hi m'ghandhiex thallas il-kont marbut mas-servizz tan-numru 336151. Hu, *pero`,* maghruf li terza persuna tista' tassumi fuqha dejn ta' hadd iehor. Dan isehh billi obligazzjoni ta' hadd iehor jaghmilha tieghu minn jassumiha. In tema guridiku, l-assunzjoni tad-dejn jippresupponi li l-obbligazzjoni tkun giet assunta minn dak li jkun b'mod principali. Dan fis-sens ta' *"constitutum debiti alieni"* ossija tal-*"animus solvendi debiti alieni"* tad-dritt Ruman (ara Kollez. Vol. XLI.II.924). Josserva l-Baudry (*"Fideissione"* para. 916), *"la promessa di pagare il debito altrui non e' una vera fideissione; essa costituisce una obbligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione".* Tali assunzjoni ta' dejn mhux mehtieg li tirrizulta minn xi kitba, izda minn kwalunkwe prova ohra, basta tkun cara u konkludenti (ara "Attard & Co Ltd vs M.A. Supermarkets Ltd et", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2003).

"F'dan il-kaz, ghandna ittra iffirmata mill-konvenuta personalment, datata 16 ta' Gunju 1993, u mibghuta lis-socjeta` attrici. F'din l-ittra, il-konvenuta taghmel riferenza ghal kont fuq *telephone* numru 336151 u tghid espressament hekk:

*"The bill of the above mentioned telephone no. is at the moment amounting to Lm5301.95c. which amount we cannot possibly pay at the moment. Can you kindly consider payment of this bill in monthly instalments after an initial down payment.*

*While hoping very much that you can help, we thank you".*

"Din l-ittra hija ffirmata minn *Joyce Farrugia,* u ma gietx iffirmata minnha f'isem xi hadd iehor jew f'isem xi kumpanija. Meta tqies li, kif qablet l-istess konvenuta, hija qatt ma kienet impjegata fl-agenzija *(Amphora Travel Ltd)*, qatt ma hadet sehem fin-negozju u minn Settembru, 1991, qatt ma dahlet fil-post, (ara x-xiehda li tat il-konvenuta fil-

kawza li hi fethet bic-citazzjoni numru 113/95), din l-ittra mibghuta f'Gunju tat-1993 ma tistax tfisser xi haga ohra hlief li l-konvenuta kienet qed tassumi personalment li thallas dak id-dejn, u din avvolja fuq l-ittra, bhala indirizz taghha, tat l-indirizz tal-agenzija. Din l-ittra, fil-fehma tal-Qorti, hi assunzjoni cara *da parti* tal-konvenuta biex thallas il-kont fuq in-numru tat-*telephone* 336151, u meta talbet il-possibilita` li thallas l-ammont b'rati mensili, kien qed tirrikonoxxi lilha nfisha bhala debitrici tal-kont. B'dik littra, l-konvenuta assumiet ir-responsabilita` tal-hlas talkontijiet li johorgu fuq dak in-numru, u *kwindi*, bhala debitrici principali ghandha obbligu thallas l-ammont dovut lis-socjeta` attrici marbut ma dak in-numru. Ghar-rigward tas-somma pretiza, din hija konfermata mis-socjeta` attrici, anke bl-esebizzjoni ta' *statement*, u ma gietx kontestata mill-konvenuta.

"Fir-rigward tas-socjeta` kjamata fil-kawza, *Amphora Travel Ltd,* ma jirrizultax li din kienet involuta fis-servizz inkwistjoni, la bhala *subscriber* u l-anqas bhala utenti tat-*telephone*. Dan jirrizulta wkoll mis-sentenza li nghatat fil-kawza citazzjoni numru 113/95, fejn il-Qorti cahdet it-talba kontra s-socjeta` in kwistjoni peress li ma kienetx hi li ghamlet uzu mis-servizz tat-*telephone* in kwistjoni.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, fl-ewwel li tillibera lis-socjeta` kjamata fil-kawza *Amphora Travel Ltd* mill-osservanza tal-gudizzju, u fit-tieni lok, billi tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta *Joyce Farrugia*, u tikkundana lill-istess *Joyce Farrugia* thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm6102.40 (sitt elef, mija u zewg liri Maltin u erbghin centezmu), flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq din is-somma mis-26 ta' Frar, 1996 (data tan-notifika lilha ta' din ic-citazzjoni) sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuta *Joyce Farrugia."*

**APPELL**

4. Il-konvenuta Joyce Farrugia hassitha aggravata minn din is-sentenza u appellat minnha fis-27 ta’ Lulju 2004. F’dan l-appell, il-konvenuta fissret ir-ragunijiet il-ghaliex, fil-fehma taghha, l-ewwel Qorti kienet zbaljata kemm fattwalment u kif ukoll legalment meta laqghet it-talbiet attrici fil-konfront taghha. Ghalhekk, il-konvenuta talbet lil din il-Qorti jogghobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentament, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellanti, tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

5. Fl-10 ta’ Awissu 2004, is-socjeta` kjamata fil-kawza, Amphora Travel Ltd. irrispondiet ghall-appell tal-konvenuta Joyce Farrugia, fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell kif intavolat mill-konvenuta Joyce Farrugia, bl-ispejjez kontra l-istess.

6. Min-naha taghha s-socjeta` attrici, Maltacom p.l.c. ukoll irrispondiet ghal dan l-appell. F’din ir-risposta, datata 19 ta’ Awissu 2004, is-socjeta` Maltacom p.l.c. irrimarkat li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma fl-intier taghha u ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imfissra f’din l-istess risposta, is-socjeta` appellata talbet li s-sentenza tigi kkonfermata u l-appell michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Fatti li wasslu ghall-kawza

7. Fl-1991 il-konvenuta Joyce Farrugia kienet habiba ma' certu Sadek Gucluol li, skond kif xehdet l-istess konvenuta, dak iz-zmien ried jiftah agenzija ta’ l-ivjaggar f’Malta. Peress li dan Sadek kien barrani, il-post minn fejn seta’ jopera din l-agenzija cioe` "Joseph" Testaferrata Street, Imsida, inkera f’isem il-konvenuta appellanti. Inoltre, l-istess konvenuta applikat ghal transferiment tat-telefon li kien diga` installat fil-fond hekk mikri. Irrizulta li n-numru tat-telefon 336151 kien irregistrat fuq certu Joseph Piscopo, izda wara li l-istess Piscopo kien hallas il-kontijiet kollha pendenti, fis-27 ta’ Awissu 1991, kien ghamel

dikjarazzjoni (kopja a fol. 3) fejn qal li ma kienx aktar interessat fis-servizz fuq dak in-numru. Fl-istess dikjarazzjoni l-appellanti Joyce Farrugia tablet hekk:

*"Jien, hawn taht iffirmat, niddikjara li s-servizz tat-telefon bin-numru u l-indirizz imsemmi hawn fuq (336151), mhux irregistrat fuq ismi. Qed nitlob ghalhekk, li dan is-servizz jigi trasferit ghal fuq ismi u li r-records juru lili bhala l-abbonat. Nintrabat li nhallas it-tariffa preskritta."* (fol. 3)

8. Eventwalment jidher li mill-istess fond bdiet topera l-agenzija ta' l-ivjaggar Amphora Travel Ltd., li ghandha bhala soci u diretturi lil Yvonne Ellul u Ray Mallia. Jirrizulta li din is-socjeta` impjegat maghha bhala konsulent lil Sadek Gucluol, li bis-sahha ta' dan l-impjieg, ottjena "*work permit*" minghand l-awtoritajiet. Jirrizulta wkoll li dan Sadek Gucluol kien, fl-istess hin, mill-istess fond jiggestixxi ghalih innifsu negozju ta' "offshore import/export", li kien jinvolvi uzu intensiv tal-lija tat-telefon mertu tal-kawza odjerna. Il-konvenuta Farrugia xehdet li hija qatt ma kellha ebda relazzjoni man-negozju gestit mis-socjeta` Amphora Travel Ltd u lanqas man-negozju privat gestit minn Sadek Gucluol. Xehdet ukoll li hija qatt ma dahlet fil-post in kwistjoni wara Settembru 1991.

9. Irrizulta wkoll li s-socjeta` attrici bdiet tohrog il-kontijiet konnessi ma' l-imsemmija linja tat-telefon intestati f'isem il-konvenuta Joyce Farrugia. Dawn kienu jintbaghtu fil-fond imsemmi fl-Imsida, minn fejn kienu joperaw l-imsemmi Gulcuol u l-Amphora Travel Ltd. Gie debitament pruvat li <u>kwantu ghar-relazzjonijiet interni</u> bejn dawn il-persuni u l-konvenuta, il-kontijiet relattivi kellu jhallashom Sadek Gucluol. Jidher assodat li dan naqas li jhallas, u infatti s-socjeta` attrici pprocediet kontra l-konvenuta ghall-hlasijiet konnessi mal-linja tat-telefon 336151 ghall-ammont ta' Lm6,102.40, kif jidher dettaljatament mill-prospett esebit a fol. 4 tal-process.

**<u>Ir-relazzjoni kontrattwali bejn Joyce Farrugia u s-socjeta` Maltacom p.l.c.</u>**

10. L-ewwel Qorti kkonkludiet li bejn il-konvenuta u s-socjeta` Maltacom ma kienitx tezisti relazzjoni kontrattwali u dan peress li l-kuntratt ghas-servizz tal-linja telefonika qatt ma kien gie iffirmat mill-konvenuta appellanti. Infatti, Saviour Farrugia, li kien xehed bhala ufficjal tas-socjeta` attrici, kien qal hekk fit-12 ta’ Novembru 1996:

*“Dan is-servizz kien originarjament registrat f’isem Joseph Piscopo u fis-27 ta’ Awissu 1991 Piscopo qalilna li ma kienx izjed interessat f’dan is-servizz u Joyce Farrugia iffirmat l-applikazzjoni biex izzomm l-istess servizz…..Ahna baghatnilha biex tigi tiffirma l-kuntratt in segwitu ghall-ittra taghha pero’ dan qatt ma gie ffirmat….”* (fol. 24/25)

Kien evidenti pero` li s-socjeta` attrici kienet tqis lill-konvenuta Joyce Farrugia bhala r-"*registered subscriber*". Infatti, fir-risposta ta’ din l-istess socjeta` ghar-rikors tal-konvenuta sabiex jigi kjamat fil-kawza Sadek Gucluol, hija tghid li *“il-konvenuta kienet ir-registered subscriber tas-servizz in kwistjoni u ghalhekk kienet tezisti relazzjoni guridika biss bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuta Joyce Farrugia.”* (fol. 109). Madanakollu, l-ewwel Qorti ma laqghetx din is-sottomissjoni tas-socjeta` attrici ghaliex irriteniet li *“ghalkemm, fil-kors tas-smigh tal-kawza, jinghad li l-konvenuta saret ir-registered subscriber ta’ dak is-servizz, ma jirrizultax, li, fil-fatt, hi hekk, giet registrata”* u ddecidiet hekk fuq il-bazi tal-fatt li l-kuntratt bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuta qatt ma gie iffirmat, u ghalhekk qatt ma kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn iz-zewg partijiet. Fi kliem l-ewwel Qorti stess:

*“Is-socjeta` konvenuta jidher li halliet dan il-kont fil-limbu, ghax ghalkemm is-servizz baqa’ jintuza, ma sar kuntratt ma' hadd ghall-uzu ta’ dak is-servizz.”* (fol. 248)

11. Ghandu jigi rilevat li s-socjeta` attrici ma interponiet l-ebda appell, jew appell incidentali minn din il-parti tas-sentenza, li allura saret gudikat.

**<u>L-Ittra mibghuta lil Maltacom p.l.c. fis-16 ta’ Gunju 1993</u>**

12. Fl-appell taghha, il-konvenuta tghid li l-ewwel Qorti kienet gusta meta kkonkludiet li f'dan il-kaz ma kienet tezisti l-ebda relazzjoni kontrattwali bejnha u bejn is-socjeta` Maltacom. Izda, min-naha l-ohra tilmenta li l-ewwel Qorti xorta kkundannatha thallas il-kont minhabba l-ittra datata 16 ta' Gunju 1993, esebita mis-socjeta` attrici bhala Dok MC1 a fol. 45 tal-process. L-ewwel Qorti dehrilha illi bis-sahha ta' din l-ittra l-konvenuta assumiet l-obbligazzjoni tal-hlas tal-kont in kwistjoni. L-appellanti tghid li l-ewwel Qorti accettat din l-ittra bhala prova tal-kontenut taghha avolja hija kienet ikkontestata mill-bidunett tal-kawza. Hija tghid ukoll li skond ix-xiehda ta' Yvonne Ellul il-mod kif gie redatt dan id-dokument zgur li ma jistax jitqies bhala assunzjoni tad-dejn. Sabiex issostni dawn l-ilmenti l-konvenuta tghid li x-xiehda taghha turi li hija la qatt uzat u lanqas qatt kellha kontroll fuq it-telephone in kwistjoni. L-appellanti tghid ukoll li a fol. 194/195 hija kienet xehdet li l-kontijiet ma kienitx tircevihom hi u sa Jannar 1994 hija hasbet illi l-kontijiet kienu qed jithallsu. L-appellanti ssostni li fl-ebda hin ma xehdet li kienet baghtet xi ittra lill-Maltacom, anzi taghmel referenza ghal kontro-ezami tad-direttrici tas-socjeta` kjamata in kawza, Yvonne Ellul, u tghid li din ix-xiehda turi li dik l-ittra kienet diga` qed tigi kkontestata minnha.

13. L-appellanti ghalhekk tilmenta li l-ewwel Qorti ma setghetx tistrieh biss fuq dan id-dokument bhala prova tal-kontenut tieghu minghajr ebda tip ta' prova korroboranti ohra. L-appellanti tghid ukoll li hija kkontestat li qatt ma kienet kitbet l-ittra inkwistjoni u li d-direttrici tas-socjeta` kjamata fil-kawza xehdet illi *"ippreparat l-ittra in kwistjoni hi, ghaddietha lil certu Sadek Gucluol li kien jahdem fl-istess ufficcju, bl-istruzzjonijiet li dan jehodha ghand il-konvenuta biex tiffirmaha sabiex imbaghad is-socjeta` kjamata fil-kawza tkun tista` tibghata hi lis-socjeta` Maltacom"* (Appell – fol. 6). L-appellanti tilmenta ulterjorment li l-ittra wahedha ma tistax titqies bhala assunzjoni tal-hlas da parti taghha. Dana ghaliex l-ittra tindika l-isem tas-socjeta` kjamata in kwaza u l-indirizz ta' din is-socjeta` u mhux l-indirizz ta' l-appellanti. Inoltre, issemmi l-kelma "*we*" u mhux "I" b'referenza cara ghas-socjeta` kjamata in kawza u l-persuna l-ohra Sadek

Gucluol. L-appellanti taghmel referenza ghal gurisprudenza u tghid li s-sistema legali taghna trid illi biex ikun hemm assunzjoni ta' debitu ta' haddiehor irid ikun hemm provi skjaccanti illi l-persuna inkwistjoni tkun riedet li l-obbligu ta' haddiehor taghmlu taghha *"b'tali mod illi issa dik il-persuna ssir debitur principali b'mod ugwali daqs id-debitur originali."* Hija ssostni li l-provi jridu jkunu huma wkoll ta' tali grad illi jikkonvincu lill-Qorti fuq bazi ta' probabbilita` illi l-persuna koncernata verament riedet dan l-effett legali, *"il-prova trid tkun 'cara, certa u konkludenti'"*.

14. Jidher car li l-aggravju ta' l-appellanti bazikament jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi akkwiziti fil-process billi hija qatt ma setghet tinstab li assumiet id-dejn ta' haddiehor fuq il-kontenut ta' l-imsemmija ittra tas-16 ta' Gunju, 1993.

15. F'dan il-kuntest huwa risaput il-principju gurisprudenzjali li din il-Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax il-valutazzjoni u l-apprezzament li taghmel il-Qorti ta' l-ewwel istanza leggerment. Dana anke ghaliex l-ewwel Qorti tkun gabret il-provi u normalment tkun f'posizzjoni ahjar minn din il-Qorti li taghmel tali apprezzament ghax tkun tista' tosserva l-komportament tax-xhieda waqt li jkunu qeghdin jixhdu. Isegwi allura li din il-Qorti, bhala regola, biex tvarja tali apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, ikun jenhtiegilha li tikkonvinci ruhha li dak l-apprezzament huwa manifestament zbaljat.

16. Ghandu jigi rilevat li f'din il-kawza saret referenza ghall-provi li ngabru fil-kawza relatata, citazzjoni numru 113/95, fl-ismijiet **Joyce Farrugia v. Sadek Gucluol et.**[2]. Is-sentenza relattiva ta' din il-Qorti tinsab esebita a fol. 222 *et seq*. tal-process. Minnha jirrizulta li l-appellanti ottjeniet gudikat kontra Sadek Gucluol ghas-somma ta' Lm6,096.08 in rizarciment tad-danni kawzati lilha "ekwivalenti f'arretrati ta' kontijiet mit-Telemalta li qeghdin

[2] Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2000; Ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 2003.

fuq in-numru tat-telefon 336151 u li kien fuq isimha". Rebhet ukoll l-imghax u l-ispejjez.

17. Dwar din il-pretensjoni ta' l-appellanti Joyce Farrugia fil-konfront ta' Sadek Gucluol jinghad hekk fl-imsemmi gudikat:

“Fil-fehma tal-qorti kien Sadek Gucluol li nqeda bl-attrici biex jaghmel qligh. L-attrici ghenet lil Gucluol billi, fost hwejjeg ohra, hallietu jinqeda b’isimha biex ikollu linja tat-*telephone*, mhux biex taghmel xi qligh hi, ghax hi ma kellha ebda sehem fin-negozju, izda biex taghmel pjacir lilu. Gucluol, min-naha l-ohra, abbuza minn din il-fiducja billi ha l-beneficcju ta’ l-uzu tat-*telephone* u halla lill-attrici biex tiffaccja l-kontijiet. Billi kellu jkun Gucluol li jhallas it-*telephone*, mhux l-attrici, ghax il-ftehim ghall-beneficcju ta’ Gucluol kien sar, il-qorti hija tal-fehma li t-talbiet ta’ l-attrici, safejn maghmula kontra Gucluol, ghandhom jintlaqghu."

18. Din il-Qorti, kif issa komposta, tikkondividi dak li nghad fil-paragrafu precedenti ghaliex hija konvinta li l-appellanti tista' tghid qatt ma wzat il-linja tat-telefon in kwistjoni u li din kienet tintuza', tista' tghid unikament minn Gucluol.

19. Kif diga` ntqal, l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-kont tas-socjeta` attrici konness ma' l-imsemmija linja telefonika kien proprjament dejn ta' terza persuna (cioe` ta' Gucluol) li pero` gie assunt mill-konvenuta appellanti bis-sahha ta' l-ittra tas-16 ta' Gunju 1993, esebita a fol. 45. F'din l-ittra l-isem u l-kunjom u l-indirizz ta' min baghat l-ittra gie mnizzel hekk:

"JOYCE FARRUGIA
AMPHORA TRAVEL LTD.
"JOSEPH"
TESTAFERRATA STREET
MSIDA"

L-ittra ntbaghtet taht il-firma tal-konvenuta appellanti lis-socjeta` Telemalta (illum Maltacom) u tghid hekk:

*“REF: TELEPHONE BILL OF TELEPHONE NO. 336151*

*The bill of the above mentioned telephone no. is at the moment amounting to Lm5301,95, which amount we cannot possibly pay at the moment.*

*Can you kindly consider payment of this bill in monthly installments after an initial down payment….”*

20. Mix-xiehda ta' Yvonne Ellul, direttrici ta' Amphora Travel, moghtija fil-kawza citazzjoni numru 113/95, hemm taghrif dwar kif giet redatta din l-ittra (fol. 158/159):

*“Avukat: Dik l-ittra li ha nesebixxu hawn li giet iffirmata mill-attrici, minn Joyce, dik fil-fatt kif saret? Kif jigifieri iffirmata hi jigifieri?*

*Xhud: Iffirmata hi ghax it-telephone kien jaghraf lilha; hi t-telephone kien fuq isimha, hi kienet responsabbli.*

*Avukat: U min hadhielha biex tiffirmaha?*

*Xhud: Hu hadielha.*

*Avukat: Hu stess?*

*Xhud: Ittajpjajniha ahna u hadhielha hu stess.*

*Avukat: U hadhielha hu stess.*

*Xhud: Daz-zgur.*

*Avukat: Imbaghad gabha hu jigifieri lura l-ittra ffirmata?*

*Xhud: Gabha hu, daz-zgur, le impustawha, impustawha.”*

In kontro-ezami, l-istess xhud sostniet hekk ghas-segwenti domanda ta' l-avukat ta' l-appellanti:

*“Avukat: Din il-karta, ara nghidx sewwa li din il-karta kien hadha Sadek “blank” u qalilha “iffirma hawnhekk*

*ghax issa se nirrangaw fuq it-telefon biex ma jibqax fuq ismek".*

*Xhud: Qed tghid gidba kbira….*

*Avukat: Din giet iffirmata minn Joyce Farrugia quddiemek?*

*Xhud: Le, mhux quddiemi. Dik ittajpjajniha l-ufficcju u hadha Sadek u gabha lura, pero ma tajnihielux vojta…."* (fol. 166)

21. L-allegazzjoni li tohrog minn din l-isvolta tal-kontro-ezami, ftit li xejn hija kredibbli. Infatti min-naha taghha, l-appellanti ma pprezentat ebda prova sodisfacenti biex turi li kien hemm l-intenzjoni ta' qerq da parti tas-socjeta` kjamata fil-kawza Amphora Travel rigward il-mod kif giet redatta din l-ittra. Jidher assodat li din l-ittra datata 16 ta' Gunju 1993, tikkostitwixxi prova sodisfacenti li l-appellanti kienet qed tassumi ir-responsabilita` ta' hlas ghall-kont pendenti fuq il-linja telefonika 336151. Din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-appellanti kienet ghamlet dan probbabilment biex taghmel pjacir lil Sadek Gucluol, li dak iz-zmien kien ghadu f'relazzjoni ta' hbiberija maghha u li min-naha tieghu jidher li kien ftiehem ma Yvonne Ellul ta' Amphora Travel li l-kontijiet tat-telephone kien ser ihallashom hu:

*"Iva, iva, ghax hu ma kien qed ihallas xejn kera u ma kien qed ihallas xejn hemm gew. Jien kont ghidtlu, il-ftehim kien li hu 'at least' ihallas it-telephones ghax l-izjed kien juzahom hu speci. U hu ried jaghmel li jhallas it-telephones hu…."* (Xhieda ta' Yvonne Ellul, fol. 158)

22. Kif sewwa kkummentat l-ewwel Qorti, il-konvenuta appellanti ffirmat l-ittra f'isimha u ghalhekk ma setghetx ma kenitx konsapevoli ukoll tar-responsabilitajiet taghha ghal dak li kienet qeghda tiffirma u cioe` il-hlas tal-kont hekk pendenti. L-ewwel Onorabbli Qorti rrilevat korrettement li *"terza persuna tista' tassumi fuqha dejn ta' haddiehor. Dan isehh billi obligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu minn jassumiha"* (fol. 249). Rilevanti wkoll kienet is-silta citata mill-ewwel Qorti mis-sentenza fl-

ismijiet, **Attard & Co. Ltd. vs. MA Supermarkets Ltd. u Michael Debono**[3]: *"Il-kuncett ta' assunzjoni ta' dejn ta' haddiehor mhux mehtieg li jirrizulta minn kitba, u jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-ligi, pero',* ***tali prova trid tkun cara, certa u konkludenti.****"* Fil-fehma ta' din il-Qorti Joyce Farrugia dahlet f'obbligazzjoni mas-socjeta` Maltacom li thallas il-kontijiet tal-linja tat-telefon 336151, minkejja l-fatt li hija ma kienitx tuza dan is-servizz. Din l-obligazzjoni skattat mill-imsemmija ittra li tammonta ghall-assunzjoni ta' dejn da parti tal-konvenuta ghall-uzu li kien sar minn tali linja minn Sadek Gucluol.

23. Din il-Qorti jidhrilha li tant kienet konxja l-appellanti mill-imsemmija obbligazzjoni taghha fil-konfront ta' l-odjerna socjeta` attrici li hasset il-bzonn li tipprotegi l-interessi taghha u kien proprju ghalhekk li istitwiet il-kawza msemmija fil-paragrafu 16 *supra* li bis-sahha taghha ottjeniet gudikat kontra Gucluol. Din il-Qorti tirrileva li l-appellanti ghandha ragun tghid li l-ittra in kwistjoni taghmel referenza ghall-indirizz u l-isem tas-socjeta` kjamata fil-kawza u mhux ghall-indirizz taghha. Jidher li sar hekk ghaliex il-linja telefonika bin-numru 336151 kienet tinsab proprju fl-indirizz tas-socjeta` Amphora Travel Ltd fejn ukoll kienu jintbaghtu l-kontijiet relativi. Dwar il-fatt li fl-ittra jissemma' il-pronom "we" u mhux "I", li skond l-appellanti, kienet referenza cara ghas-socjeta` kjamata fil-kawza u ghal Sadek Gucluol, din il-Qorti ma tistax taccetta dan l-ilment ta' l-appellanti. Dana ghas-semplici raguni li l-imsemmija ittra ffirmata hija stess wahedha u ma indikatx li kienet qeghda tiffirma wkoll ghal haddiehor.

24. Din il-Qorti wkoll lanqas tista' taghti affidament ghall-ilment ta' l-appellanti meta dina taghmel referenza ghal firma fuq din l-ittra u tghid li hija differenti mill-firma fuq l-affidavit taghha. Din il-Qorti ma tistax taccetta din il-kontestazzjoni ta' l-appellanti u dan peress li, apparti l-fatt li din il-kontestazzjoni tal-firma qatt ma tqajmet quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li f'hin minnhom l-appellanti tghid li l-ittra giet redatta b'qerq mis-socjeta`

[3] Cit. Nru. 34/2002/1, deciza fl-20 ta' Marzu 2003.

Amphora Travel Ltd. ghax hija ntalbet tiffirma fuq karta vojta, li wara ssawret fl-ittra msemmija mill-istess socjeta` ad insaputa taghha, u fl-istess nifs donnha trid taghti x'tifhem li din il-firma m'hix taghha.

25. Ghalhekk, fid-dawl tal-provi prodotti u tax-xiehda moghtija jidher car li l-appellanti kienet konsapevoli ta' dak li kienet qeghda tiffirma u tar-responsabbilita` ta' hlas li hija kienet qeghda tassumi permezz ta' dik l-ittra.

26. Madanakollu, ghandu, jigi rilevat li l-assunzjoni tad-dejn maghmula mill-appellanti tramite l-imsemmija ittra kienet ghal <u>somma preciza</u> u cioe` Lm5,301.95, ekwivalenti ghal €12,350 (tnax-il elf, tlett mija u hamsin Ewro) u fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk is-socjeta` attrici ma rnexxilhiex tipprova sodisfacentement il-kreditu <u>kollu</u> pretiz minnha fl-att tac-citazzjoni cioe` s-somma ta' Lm6,102.40, ekwivalenti ghal €14,215 (erbatax-il elf mitejn u hmistax-il Ewro).

27. Ghal dawn il-motivi, tilqa' in parte u fis-sens premess biss, l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi

(1) tikkonfermaha in kwantu lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta` kjamata fil-kawza Amphora Travel Ltd;

(2) tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-istess Joyce Farrugia thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm6,102.40 u l-imghaxijiet relativi; u

(3) minflok, tilqa' it-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma msemmija ta' €12,350 (tnax-il elf tlett mija u hamsin Euro) u tichadha fil-kumplament u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta Joyce Farrugia li thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' €12,350 - bl-imghax legali mis-26 ta' Frar, 1996 sal-pagament effettiv; u

(4) kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez tordna li l-ispejjez (kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza) tas-socjeta` kjamata in kawza, jithallsu kollha kemm huma mill-

konvenuta Joyce Farrugia u tordna wkoll li l-ispejjez rimanenti tal-kawza fil-konfront tas-socjeta` attrici u l-imsemmija konvenuta, kemm ghall-ewwel istanza u kemm ukoll ghal din it-tieni istanza, jithallsu kwantu ghal 85% (hamsa u tmenin fil-mija) mill-konvenuta Joyce Farrugia appellanti u kwantu ghar-rimanenti 15% (hmistax fil-mija) mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------